MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 345/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**VS**

**JOSEPH DESIRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Desira, ta’ 29 sena, bin Angelo u Annie nee’ Scicluna, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Ottubru 1974, residenti 11, Sqaq San Mikiel, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 49797M;

Talli f'Haz-Zabbar, fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Jannar 2004 ikkaguna hsara volontarja fuq vettura Citroen numru tar-registrazzjoni RXL 023, liema hsara hija ta' Lm500 ghad-dannu ta' Rachel Psaila minn Haz-Zabbar.

Wara illi rat l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri;

Wara illi rat l-Artikolu 325b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ta' l-istess imputat, issib lill-imputat Joseph Desira hati tal-akkuzi kif dedotti, u wara li rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation, tordna lill-imputat jitqieghed taht ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma' l-istess ordni ta' Probation, il-Qorti qieghda zzid is-segwenti kundizzjonijiet:

1) Li l-imputat izomm kuntatt mal-agenzija Caritas sabiex ikompli jirriabilita' ruhu mill-problema tad-droga u jtemm din il-kura b'success.

2) Li jkompli l-kura psikjatrika mat-Tabib Dr. Joseph L. Pisani.

3) Li jigi ezaminat mit-tobba tal-Isptar Monte Carmeli.

4) Li jithallas il-bilanc ta' tlett mitt lira maltin bhala Danni lil Rachel Psaila, f'rati mensili ta' hamsin lira maltin (Lm50).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------